**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 8 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 14**
**Rikors Nru. 1269/2012 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Vittoriosa Gaming Limited illi kienet xjolta bi provvediment ta` din il-qorti tat-28 ta` Frar 2017**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment dwar rikors illi pprezenta l-istralcjarju fit-18 ta` Mejju 2017 (fol 461 sa 463).**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Mejju 2017.

Rat ir-risposta li pprezentat il-kreditrici CMV S.p.A fid-29 ta` Mejju 2017.

Rat ir-risposta li pprezentat l-Awtorita` tal-Artijiet fis-6 ta` Gunju 2017.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm illi ghamlu l-istralcjarju, id-difensur tas-socjeta` kreditrici CVM S.p.A., kif ukoll id-difensur tal-Awtorita` tal-Artijiet fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2017.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghat-13 ta` Lulju 2017.

Rat id-digriet li tat fit-8 ta` Gunju 2017 fejn irrikjamat l-istralc ghal-lum sabiex taghti l-provvediment.

Rat l-atti.

## II. <u>Dritt</u>

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, saret riferenza ghal disposizzjonijiet tal-**<u>Att dwar il-Kumpanniji - Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta</u>** :-

### a) <u>L-Art 220</u>

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*F`kull zmien wara li jkun ipprezentat rikors ghal stralc, u qabel ma jinghata ordni ghal stralc, il-kumpannija, jew kull kreditur jew kontributorju, jistghu jaghmlu rikors lill-qorti biex twaqqaf il-procedimenti gudizzjali tal-qorti pendenti kontra l-kumpannija, u l-qorti tista' twaqqaf dawk il-procedimenti b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

### b) <u>L-Art 221</u>

Id-disposizzjoni tghid hekk :-

*Fi stralc mill-qorti, kull disponiment ta' proprjetà tal-kumpannija, maghduda kull jeddijiet ta' azzjoni, u kull trasferiment ta' azzjonijiet, jew tibdil*

*fl-istat tal-membri tal-kumpannija, li jsir wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, ikun null, kemm-il darba l-qorti ma tordnax xort'ohra.*

**c) <u>L-Art 224(2)</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(2) Meta jkun sar ordni ghal stralc jew ikun inhatar amministratur provvizorju, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 228, ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti.*

Saret ukoll riferenza ghall-**<u>Art 9(2) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern – Kap 573 tal-Ligijiet ta` Malta</u>**

**d) <u>L-Art 9(2) tal-Kap 573</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*L-awtorità kompetenti m'ghandhiex bzonn tikseb il-permess tal-Qorti msemmija fl-artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpanniji biex tibda jew tkompli azzjoni ta' zgumbrament imsemmija f'dan l-artikolu u lanqas biex tibda jew tkompli azzjoni gudizzjarja ta' hall ta' enfitewsi jew ta' kirja f'kaz li jkun hemm ordni ghal stralc jew ikun hemm mahtur amministratur provizorju.*

**III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Waqt id-dibattiment tar-rikors, l-istralcjarju ghamel verbal fejn iddikjara li l-bazi legali tar-rikors tieghu huwa l-Art 220 <u>mhux</u> l-Art 221 tal-Kap 386.

Dan premess, l-istralcarju jaghmel l-argument li fl-Art 9(2) tal-Kap 573 il-legislatur illimita l-applikazzjoni tad-disposizzjoni biss ghall-Art 224 tal-Kap 386. Ghall-istralcjarju dan ifisser illi d-disposizzjonijiet l-ohra tal-Att dwar il-Kumpanniji huma eskluzi abbazi tal-principju – *ubi lex voluit dixit*.

Specifikament ghall-fini ta` dan il-provvediment, il-Qorti ma tarax l-utilita` li tittratta – forsi aktar fil-kuntest akkademiku – fejn u kif ghandu jigi applikat il-principju – *ubi lex voluit dixit.*

Fil-fehma taghha jkun aktar utli u f`waqtu li tqis jekk id-disposizzjonijiet citati mill-istralcjarju jsostnux inkella le t-talba tieghu kif dedotta.

Dwar l-Art 220, il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni li hadet l-Awtorita` tal-Artijiet waqt id-dibattiment u cioe` illi din id-disposizzjoni ma taghti ebda sostenn lil-istralcjarju.

Tghid dan ghaliex skont l-Art 220, il-presentata tar-rikors mill-kreditur jew kontributorju sabiex il-qorti twaqqaf procedimenti gudizzjali pendenti kontra l-kumpannija tghodd biss *f`kull zmien wara li jkun ipprezentat rikors ghal stralc, u qabel ma jinghata ordni ghal stralc.* Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija de qua kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-28 ta` Frar 2017. Wara dak il-provvediment, il-kumpannija tpoggiet fi stralc, u l-procediment ta` stralc ghandu pendenti quddiem din l-istess Qorti.

Mela l-Art 220 tal-Kap 386 ma japplikax.

Anke jekk bil-verbal li ghamel fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2017, l-istralcarju *de facto* skarta l-applikazzjoni tal-Art 221 tal-Kap 386, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba tieghu ma ssibx sostenn taht l-Art 221 propju ghaliex ghalkemm l-istralc tal-kumpannija de qua qieghed isir taht l-awtorita` tal-qorti, bl-azzjoni istiitwita kontra l-kumpannija de qua u ohrajn quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ma tirrigwardax *disponiment ta` propjeta` tal-kumpannija* waqt l-istralc. L-iskop tal-Art 221 huwa divers ghal kollox mill-mertu li qed jigi trattat fil-kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Fil-fatt *wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment* (fil-kaz tal-lum il-21 ta` Dicembru 2012 – ara provvediment tat-28 ta` Frar 2017) kif ukoll waqt l-istralc ma jirrizultax li kien hemm xi *disponiment ta' proprjetà tal-kumpannija,* jew *jeddijiet ta' azzjoni,* jew *trasferiment ta' azzjonijiet* jew *tibdil fl-istat tal-membri tal-kumpannija.* B`hekk ma hemm l-ebda kwistjoni ta` nullita`.

Mela lanqas l-Art 221 tal-Kap 386 ma japplika.

Jifdal il-kwistjoni sollevata mill-kreditrici CMV S.p.A – kemm fir-risposta taghha kif ukoll waqt id-dibattiment – illi l-Art 9(2) tal-Kap 573 m`ghandux

jolqot il-provvediment ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar 2017 (fol 397 et seq) fejn cahdet it-talba li tal-Kummissarju tal-Artijiet ghal permess skont l-Art 224(2) tal-Kap 386 sabiex din il-Qorti diversament presjeduta tkompli tisma`, tittratta u tiddeciedi l-kawza fl-ismijiet "*Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Port Cottonera Hotel Development Limited et*" (Rik. Gur. Nru. 461/2015/JPG).

CMV SpA taghmel l-argument illi ladarba l-Art 9(2) tal-Kap 573 sar ligi tal-pajjiz wara li nghata dak il-provvediment, l-Art 9(2) kellu japplika biss ghal sitwazzjonijiet li jinsorgu wara d-data tad-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni anke ghaliex fil-Kap 573 ma kien hemm l-ebda disposizzjoni transitorja.

L-Awtorita` tal-Artijiet twiegeb ghall-argument billi tghid illi l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017 mhuwiex sentenza li saret gudikat izda digriet interlokutorju li ma jikkostitwix *res judicata* u ghalhekk l-Art 9(2) jolqot dak il-provvediment anke jekk inghata qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni.

Waqt id-dibattiment, l-istralcjarju ghamel l-argument illi l-Art 9(2) tal-Kap 573 sar propju u specifikament sabiex igib fix-xejn il-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017. Il-Qorti tghid : *jista` jkun.* Fl-istess waqt, tghid ukoll illi mhuwiex il-rwol taghha illi tindaga *ghaliex* tkun saret ligi.

Dan premess, il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni u tghid mill-ewwel illi s-soluzzjoni taghha m`ghandhiex tkun inkwadrat fil-kuntest ta` *jus superveniens.*

Dan tal-lum mhuwiex kaz *meta minghajr ma tbiddel id-domanda sew ghal oggett jew ghall-kawza, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni izda dak id-dritt minnu mitlub jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bazi tad-duttrina wisq akkreditata,* (ta` jus superveniens) *dejjem accettat li minflok issir kawza ohra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in ezistenza jew fl-ezercizzju tieghu waqt il-kawza, jista jkun deciz f'dik l-istess kawza*" (ara "**Falzon vs Camilleri**" – Qorti tal-Appell – 8 ta` Frar 1943).

Is-soluzzjoni tal-kwistjoni ghandha tkun inkwadrata fil-kuntest tal-procediment fejn inghata l-provvediment tal-31 ta` Jannar 2017. Infatti l-provvediment inghata fil-kors ta` stralc li ghadu pendenti quddiem din il-Qorti stess.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza **Antonio Caruana et vs Joseph Debono et** l-istralc kien deskritt bhala *dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-pendenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci jew mill-Qorti biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in corso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u b`hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta` biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda, ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu.*

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi wara li kumpannija tigi xjolta b`ordni tal-qorti, u jsir l-ordni ta` stralc, il-procediment ta` stralc ma jistax jitqies bhallieku kien kawza li finalment sejjer iwassal ghal sentenza. Huwa procediment *ad hoc* mahluq b`ligi partikolari b`funzjoni u ghanijiet precizi. Il-process ma jkunx konkluz b`sentenza. L-ordnijiet, direzzjonijiet u provvedimenti li taghti l-Qorti fil-kors tal-istralc sakemm tigi biex taghlaq l-istralc ghandhom jitqiesu f`din l-ottika partikolari, u anke ghalhekk mhumiex sentenzi.

Finalment il-Qorti tosserva illi l-Art 9(2) sar fl-ambitu ta` *lex specialis* u cioe il-Kap 573. Fil-konfront tal-Kap 573, il-Kap 386 li japplika ghall-kumpanniji kollha jsir *lex generalis.*

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-istralcjarju kif dedotta fir-rikors tieghu tat-18 ta` Mejju 2017 (fol 461 sa 463). L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**